MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 159/2008

**Cristina Cristina**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Cristina Cristina fejn din wara li ppremettiet illi:

L-esponent Cristina Cristina nee Zammit twieldet nhar is-26 ta’ Ottubru 1947, ix-Xewkija Ghawdex u inghatat l-isem ta’ “Cristina” kif registrat fic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

L-esponent ghandha Karta ta’ l-Identita mahruga mir-Reppubblika ta’ Malta bin-numru 89647G, u li f’tali karta

ta’ l-identita isem l-esponent huwa mnizzel bhala “Cristina Cristina” kif jidher fl-anness dokument B;

L-esponent Cristina Cristina izzewget lil Luciano Cristina nhar it-21 ta’ Settembru 1973, fil-Knisja Parrokkjali Marija Bambina, Isla, Malta;

Ic-certifikati taz-zwieg, bin-numru ta’ l-iskrizzjoni 2180 tan-1973 li jirreferi ghaz-zwieg ta’ l-esponent Cristina Cristina su citat fil-kolonna imsemmija ‘*Il-mara mizzewga’* u *‘Isem u Kunjom’* hemm imnizzel l-isem ‘Christina Zammit’ kif jidher fid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. C.

L-isem ta’ l-esponent Cristina Cristina gie mnizzel bhala ‘Christina’ minflok ‘Cristina’, kif suppost kellu jitnizzel u kif irrizulta mic-certifikati tat-twelid u l-karta ta’ l-identita ta’ l-esponent rispettivament;

Dan l-izball qed jikkawza inkonvenjent kbir lill-esponent u ghalhekk jehtieg li jsiru l-korrezzjonijiet opportuni;

L-esponent tixtieq tipprevalixxi ruhha mid-disposizzjoni ta’ l-artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex jigi rettifikat l-izball li sar fl-Att taz-Zwieg surriferit;

Ghaldaqstant l-esponent umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha;

Tiddikjara li fuq ic-certifikat taz-zwieg ta’ l-attrici Cristina Cristina hemm erronjament imnizzel fil-kolonni ‘*Il-mara mizzewga’* u *‘Isem u Kunjom’* rispettivament l-isem “Christina Zammit”;

Tordna lill-konvenut jaghmel dawk il-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat taz-zwieg fuq indikat billi taht il-kolonna *‘il-mara mizzewga’* u *‘Isem u Kunjom’* jigu kancellati l-kliem ‘Christina Zammit’ u minflok jigu inseriti l-kliem “Cristina Zammit”

Rat ir-risposta tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku illi:

Preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Subordinatament u minghajr pregudizzu ghas-suespost, l-esponent jirrileva illi fi kwalunkew kaz l-azzjoni odjerna mhix attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-esponent li m’ghandux ibati l-ispejjez ta’ l-istanti stante illi jirrizulta li d-dikjaranti fuq l-Att taz-Zwieg in kwistjoni kienu r-rikorrenti stess u zewgha u c-celebrant Rev. Kanonku John Sladden li kienu obbligati li jivverifikaw li l-informazzjoni li ddikjaraw u iffirmaw ghaliha hija korretta.

Ghandha ssir il-publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-affidavit prodotti.

Ikkunsidrat illi t-talbiet attrici huwa pruvati.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:

Tilqa’ l-ewwel talba tal-attrici

Tordna li fic-certifikat taz-zwieg Nru. 2180 tal-1973 fil-kolonna isem u kunjom il-mara mizzewga jitnizzlu l-kliem Cristina Zammit.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------